**Karolina:** *(Bil-herra):* Skużi, Manjifk, ismi ħallih barra… Jien ħierġa. *(Toħroġ b'ġirja).*

**Ġan Felić:** *(Isejjaħ):* Karolin… Karolin…

**Sofie:** Mamà… mamà…

**Ġamri:** Dik terġa' tiġi, tibżax. Sadattant jien sejjer ir-raħal għax lil marti ħallejtha tistennieni. Kont għidtilha li l-lum għandi niġbor ħwejġi u mmur norqod id-dar. Ir-riżq lil kulħadd, l-iktar lis-Sinjurina Sofie u lill-għarus tagħha u s-Sema jieqaf magħhom.

**Sofie:** Sejjaħ lill-mamà, Ġamri… Ġamr, mur ilħaqha…

**Ġamri:** Dik terġa' tiġi, tibżax… Araha ġejja, wiċċha aħmar nar… Jiena sejjer. Sinjuri, nerġa' narakom, u s-Sema jkompli ma' kulħadd. Għada tarawni l-villa ta' Ħal Balzan u l-ewwel ma nagħmel, Sur Baruni, niżborlok is-siġar tal-larinġ. *(Joħroġ).*

**Ġervażju:** *(Jaqra).* Il-lum, 25 ta' Jannar, 1954.

**Sofie:** Nistennew il-mamà…

**Karolina:** *(Tinstama' tgħajjat minn ġewwa).* Jien ismi ma rridux isemmih…

**Ġervażju:** Il-lum, 25 ta' Jannar, 1954. Fil-Belt Valletta. Hawnhekk quddiemi… hawnhekk quddiemi…

**Sofie:** Ġejja… ġejja…

**Ġervażju:** Hawnhekk quddiemi, Ġervażju Casha, Nutar Pubbliku, jidhru l-miżżewġin Ġan Felić Triganza, bin il-mejjet Indri, u martu, is-Sinjura Karo…

**Karolina:** *(Tidħol, wiċċha aħmar nar, b'idha l-leminija merfugħa 'l fuq, bis-saba' l-werrej ma' wiċċ Ġervażju… Trid titkellem. Jinstama' bħal għagħa ta' Iss… Iss… Iss…)*

**Ġervażju:** *(Jissokta jaqra).* Hawnhekk quddiemi, martu s-Sinjura Karolina…

SIPARJU

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

**Ir-Rużarju** — Xandir ta' Kultura Dumnikana. Vol. XVI — April-Ġunju, 1964. No. 1; Lulju-Settembru, 1964.



## JIENA

Ta' NORBERT M. DEGABRIELE, O. CARM

Bonum est confiteri Domino.
(Ps. 91, v. 1).

Kull meta b'ħsieb, Mulej, nittajjar fejnek,
U lura mmur fil-bidu tal-ħolqien,
Int dlonk turini mħabbtek, li mill-ewwel
Żrajt fija l-għanja u sirt dak li jien.

* * *

Li kieku kont Rančisa, li għalkemm sbejħa,
Miżrugħa w'ħedha f'rokna ġewwa ġnien,
Kont nagħżel leħen ħelu u bih ingħanni
Il-għanja siekta, għanja għall-ilwien.

Li kieku ħlaqtni r-Riħ, u tajtni rajja
Biex nagħġen jien il-għamla ta' kull fewġa,
Kont noħroġ fuq il-baħar b'leħen ħlejju,
U noqgħod nimbex b'nifsi lil kull mewġa.

U kieku għamiltni Għasfur tal-Bejta ċkejken,
Ħallejtni ntir u nagħżel għanja bnina,
Ma kontx nistrieħ sakemm nitgħallem l-għanja
Li nserraħ biha ħafna qlub irżina.

* * *

'Mma le, Mulej! Għax rajt mill-ewwel fija
Se jsibu qabar ħsus mill-kbar bla heda,
Għażiltha Int il-għanja minn ta' ħajti:
Għalhekk għamiltni Bniedem u Poeta.